



Brussell, 19 ta' Diċembru 2018
Rev1

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE DWAR IL-GASSIJET FLUWORURATI B'EFFETT TA' SERRA

Fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00h (CET) ("id-data tal-ħruġ")¹ ir-Renju Unit ser ikun "pajjiż terz"².

It-tnejn għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni f'idejn l-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

Fl-isfond tal-inċertezzi dwar ir-ratifika tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra bir-riperkussjonijiet legali, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz.

Suġġett għall-perjodu ta' tranżizzjoni fl-abbozz tal-Ftehim dwar il-Ħruġ,³ b'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-regoli tal-UE dwar il-gassijiet fluworurati, b'mod partikolari r-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra⁴, mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. L-ALLOKAZZJONI TAL-KWOTA GĦAL IDROFLUWOROKARBURI

Skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014, it-tqegħid fis-suq tal-idrofluworokarburi huwa limitat permezz ta' kwoti allokatu mill-Kummissjoni lil kull produttur u importatur skont l-Artikolu 16(5)⁵.

¹ Skont l-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, jista' b'mod unanimu jiddeċiedi li t-Trattati jieqfu japplikaw f'data aktar tard.

² Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

³ Cf. Il-Parti erbgħa tal-abbozz tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, kif miftiehem fil-livell tan-negozjaturi fl-14 ta' Novembru 2018 (https://ec.europa.eu/commission/publications/draft-agreement-withdrawal-uk-eu-agreed-negotiators-level-14-november-2018-including-text-article-132_en)

⁴ ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195.

⁵ Il-kwoti għall-kumpaniji eżistenti għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2020 huma kkalkulati fuq il-bażi tal-valuri ta' referenza stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1984

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, l-idrofluworokarburi mqiegħda fis-suq tar-Renju Unit mhux se jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u mhux se jibqgħu jgħoddu għall-kwota allokata mill-Kummissjoni lill-produtturi u l-importaturi.

Bħala parti mill-miżuri ta' tħejjija, il-Kummissjoni emendat il-valuri ta' referenza tal-kumpaniji mir-Renju Unit biex teskludi s-sehem marbut mal-attivitatiet domestiċi tar-Renju Unit^{6 7}.

2. RAPPORTAR DWAR IL-GASSIJET FLUWORURATI B'EFFETT TA' SERRA⁸

Skont l-**Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014**, il-produtturi, l-importaturi u l-esportaturi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u gassijiet elenkati fl-Anness II għandhom jirrapportaw ċerta dejta kull sena, sal-31 ta' Marzu. Dak l-obbligu japplika wkoll għal impriżi stabbiliti f'pajjiżi terzi u li jesportaw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u gassijiet elenkati fl-Anness II lejn l-UE u li jaġixxu permezz ta' "rappreżentant uniku"⁹ ibbażat fl-UE. B'seħħ mid-data tal-ħruġ,

- impriżi stabbiliti fir-Renju Unit li jesportaw lejn l-UE gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u gassijiet elenkati fl-Anness II huma impriżi minn pajjiżi terzi. Fir-rigward tal-kummerċ tagħhom f'gassijiet fluworurati mal-Unjoni, dawk l-impriżi se jeħtieġilhom jirrapportaw id-*data* rilevanti meħtieġa mir-Regolament (UE) Nru 517/2014 permezz ta' rappreżentant uniku bbażat fl-UE; kif ukoll
- impriżi stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE-27 għandhom jirrapportaw kummerċ ma' entitajiet fir-Renju Unit bħala importazzjoni fl-UE jew esportazzjoni mill-UE.

tal-24 ta' Ottubru 2017 li, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, tiddetermina l-valuri ta' referenza għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020 għal kull produttur jew importatur li jkun legalment qiegħed fis-suq l-idrofluworokarburi mill-1 ta' Jannar 2015, kif irrapportat skont dak ir-Regolament, ĠU L 287, 4.11.2017, p. 4.

⁶ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (EU) 2018/2023 tas-17 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1984 li tiddetermina, skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, il-valuri ta' referenza fir-rigward tal-valuri ta' referenza għall-perjodu mit-30 ta' Marzu 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020 għall-produtturi jew importaturi stabbiliti fir-Renju Unit, li jkunu legalment qiegħdu fis-suq idrofluworokarburi mill-1 ta' Jannar 2015, kif irrapportat skont dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 32). Ara wkoll it-taqsimha 5 (is-subtaqsimha "politika dwar il-klima tal-UE") u l-Anness 2 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Tħejjija għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Marzu 2019: Pjan ta' Azzjoni ta' Kontinġenza", COM (2018) 880, 13 ta' Novembru 2018.

⁷ Dak is-sehem ġie stabbilit permezz ta' eżerċizzju mmirat ta' ġbir ta' dejta mwettaq bejn it-18 ta' Jannar u t-18 ta' Mejju 2018 ma' kumpaniji li għandhom valur ta' referenza u li huma stabbiliti fir-Renju Unit.

⁸ Huwa mfakkar li, jekk il-Ftehim dwar il-ħruġ jiġi rratifikat mill-UE u r-Renju Unit, l-Artikolu 96(3) tiegħu jipprovdi li l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 jibqa' japplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tar-rapportar għall-aħħar sena tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

⁹ Ara l-punt 4 ta' dan l-avviż.

Rigward il-perjodu ta' rapportar tal-2018, il-partijiet ikkonċernati huma mħeġġa bil-qawwa biex jirrapportaw qabel id-data tal-ħruġ.

Skont l-**Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014**, impriżi li jqiegħdu gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u gassijiet elenkati fl-Anness II inklużi fi prodotti jew tagħmir fis-suq tal-UE għandhom jirrapportaw ċerta dejta kull sena, sal-31 ta' Marzu. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, l-impriżi stabbiliti fir-Renju Unit li jesportaw merkanzija ta' dak it-tip lejn l-UE mhux se jibqgħu jirrapportaw aktar dik id-dejta. Minflok, se jkun meħtieġ li dik l-informazzjoni tiġi rrapportata mill-importatur ibbażat fl-UE li jqiegħed il-prodotti jew it-tagħmir fis-suq tal-Unjoni.

Rigward il-perjodu ta' rapportar tal-2018, il-partijiet ikkonċernati huma mħeġġa bil-qawwa biex jirrapportaw qabel id-data tal-ħruġ.

Skont l-**Artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014**, l-impriżi li jkunu qerdu jew użaw ċertu ammont ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra bħala feedstock għandhom jirrapportaw dan, kull sena, sal-31 ta' Marzu, għas-sena kalendarja preċedenti. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, impriżi fir-Renju Unit ma għandhomx għalfejn aktar jirrapportaw dawk l-attivitajiet.

Rigward il-perjodu ta' rapportar tal-2018, il-partijiet ikkonċernati huma mħeġġa bil-qawwa biex jirrapportaw qabel id-data tal-ħruġ.

Bħala parti mill-miżuri ta' tħejjija, il-Kummissjoni emendat il-mod kif isir ir-rappurtar biex tiżgura li l-idrofluworokarburi mqiegħda fis-swieq tar-Renju Unit u tal-UE-27 jiġu rrapportati separatament¹⁰.

3. RAPPORT TA' VERIFIKA, AKKREDITAZZJONI TAL-AWDITURI

Skont l-**Artikolu 19(6) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014**, il-produtturi, l-importaturi u l-esportaturi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandhom jagħmlu disponibbli r-rapporti ta' verifika, fuq talba, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni. Dawk ir-rapporti ta' verifika għandhom jifasslu minn awditur akkreditat skont id-Direttiva 2003/87/KE jew minn awditur akkreditat biex jivverifika dikjarazzjonijiet finanzjarji skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

Barra minn hekk, skont l-**Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014**, kull importatur ta' tagħmir iċċarġjat minn qabel għandu jippreżenta dokument ta' verifika maħruġ minn awdituri akkreditati, skont l-**Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014**.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, akkreditazzjonijiet mill-Korp ta' Akkreditazzjoni Nazzjonali tar-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-UE.

¹⁰ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1992 tal-14 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1191/2014 rigward ir-rappurtar tad-data msemmija fl-**Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014** f'dak li għandu x'jaqsam mal-idrofluworokarburi li jitqiegħdu fis-suq fir-Renju Unit u fl-Unjoni ta' 27 Stat Membru (ĠU L 320, 17.12.2018, p. 25).

B'konsegwenza ta' dan, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, awdituri akkreditati mill-Korp ta' Akkreditazzjoni Nazzjonali tar-Renju Unit ma jkunux jistgħu jibqgħu jfasslu rapporti ta' verifika biex jittressqu skont l-Artikolu 19(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

4. "RAPPREŻENTANT UNIKU" FIL-KAŻ TAL-IMPORTAZZJONIJIET

Skont l-Artikolu 16(5) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, it-tqegħid fis-suq ta' idrofluworokarburi fl-UE minn kumpanija mhux tal-UE teħtieġ "rappreżentant uniku" stabbilit fl-UE.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, idrofluworokarburi importati mir-Renju Unit lejn l-UE-27 minn kumpanija stabbilita fir-Renju Unit jeħtieġu li jingħata mandat lil "rappreżentant uniku" stabbilit fl-UE-27.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, rappreżentanti stabbiliti fir-Renju Unit mhux se jibqgħu jitqiesu bħala "rappreżentanti uniċi" għall-iskop ta' importazzjonijiet ta' idrofluworokarburi fl-UE-27 minn pajjiżi terzi.

5. PERSUNI U IMPRIŻI ĊERTIFIKATI

Skont l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, operaturi ta' xi tagħmir li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandhom jiżguraw li dak it-tagħmir jiġi vverifikat għal tnixxijiet. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2), xi ftit minn dawk il-verifiki għandhom jitwettqu minn persuni ċertifikati.

Skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, l-operaturi ta' xi tagħmir stazzjonarju jew ta' unitajiet ta' refriġerazzjoni għandhom jiżguraw li l-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jitwettaq minn persuni fiżiċi li jkollhom ċertifikat.

Skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, l-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra minn tagħmir tal-ajra kondizzjonata f'vetturi tat-triq li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/40/KE għandu jitwettaq minn persuni b'attestazzjoni ta' taħriġ.

Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, l-Istati Membri tal-UE jridu jistabbilixxu:

- programmi ta' ċertifikazzjoni għall-impriżi li, għal ħaddieħor, iwettqu l-installazzjoni, jagħtu servizz, iwettqu l-manutenzjoni, it-tiswija jew id-dekummissjonar tat-tagħmir elenkat fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 4(2);
- programmi ta' ċertifikazzjoni għal persuni fiżiċi li jwettqu dawk l-attivitajiet; kif ukoll
- programmi ta' taħriġ għal persuni fiżiċi li jirkupraw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra minn tagħmir ta' arja kondizzjonata f'vetturi bil-mutur li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/40/KE.

Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(10), iċ-ċertifikati u l-attestazzjonijiet ta' taħriġ maħruġin fi Stat Membru huma rikonoxxuti reċiprokament għal attivitajiet imwettqa fi Stati Membri oħra tal-UE.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, iċ-ċertifikati u l-attestazzjonijiet ta' taħriġ maħruġin fir-Renju Unit mhux se jibqgħu jiġu rikonoxxuti għal attivitajiet imwettqa fl-UE-27.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar gassijiet fluworurati (https://ec.europa.eu/clima/policies/f-gas_en) jipprovdi informazzjoni ġenerali f'dak ir-rigward. Dawk il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat-Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika